**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 311/2015**

**Kinetix IT Solutions Limited (C 48798) u b'digriet tal-25 ta' Novembru 2015, il-kelma 'Limited' giet sostitwita bil-kelma 'Solutions'**

**vs**

**Frank Muscat (KI 430967M)**

**Illum, 26 ta' April 2019**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tas-socjeta' attriċi li talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas:

"Is-somma ta' sitt elef, mitejn u hmistax-il Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€6.215.42), rapprezentanti bilanc tal-prezz minnek dovut fuq il-fatturi numru 9533, 9651, 9733, 9759, 9862, 9863, 9864, 9865, 9869, 9986, 10069, 10226, 10268, 10279, 10450, 10485, 10547 u 10652 ghall-prezz ta' apparat informatiku, licenzji, abbonamenti u servizzi informatici lilek provduti fuq ordni u inkarigu tieghek stess fl-ezercizzju tieghek tan-negozju taht l-isem 'The Doric Studio'.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi dekorribbli mid-dati tal-fatturi sad-data tal-pagamen effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Gunju 2015.

Inti ingunt sabiex tidher ghas-subizzjoni."

Rat ukoll ir-risposta tal-intimat li tgħid hekk:

"Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-intimat u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess ghas-segwenti ragunijiet:

1. Li l-ammont rikjest mhux dovut fl-intjier tieghu stante li parti minnu gie necessitat b'rizultat tad-danni kkawzati mill-kumpannija rikorrenti stess;

2. Li b'rizultat tas-servizzi rezi mill-kumpannija rikorrenti mhux skont is-sengha u l-arti, l-intimat sofra pregudizzju u danni fl-operat tieghu, ghal liema danni u spejjez tahti u tirrispondi biss il-kumpannija rikorrenti;

3. B'riserva ghal eccezzjonijiet ohra permessibbli skont il-ligi;

4. Li d-danni li sofra l-istess intimat ghad iridu jigu likwidati u mhallsa;

5. Li ghalhekk l-esponenti qieghed jipprevalixxi ruhu mill-fakolta moghtija lilu a tenur tal-Artikolu 396 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u procedura Civili Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u qed jipprezenta kontro talba kontra s-socjeta' rikorrenti.

Ra l-kontrotalba tal-intimat li tgħid hekk:

"1. Illi s-socjeta' Kinetix IT Solutions Limited (C 48798) kienet tippresta servizzi informatici, senjatament 'IT support services', ghal numru ta' snin lil Frank Muscat, li kien u ghadu jezercita l-professjoni ta' Perit Arkitett u Inginier Civili taht l-isem The Doric Studio, ghal liema servizzi huwa kien dejjern hallas kif mitlub;

2. Illi f'Novembru tas-sena 2014, is-sistema tal-informatika, senjatament is-'server' tal-esponent, milli huwa gie infurmat mill-istess kumpannija Kinetix IT Solutions Limited, irriskontrat hsarat fis-sens li 's-server' ma bediex jiffunzjona tajjeb u dan ittiehed minn impjegati tal-istess Kinetix IT Solutions Limited ghat-tiswija stante li l-apparat kien inxtara minghandha stess;

3. Illi sa dak il-hin u l-rnument, minkejja l-hsarat fis-server, l-informazzjoni miżmuma fuqu kienet ghadha hemm, vizibbli u rintraccabbli mill-esponent;

4. Illi milli jidher u jinsab infurmat l-esponent, il-kumpannija Kinetix IT Solutions Limited ma adoperatx il-procedura mistennija skont l-arti u s-sengha fix-xoghol ta' riparazzjoni u trasferiment tad-data li wettqet, tant li 1-informazzjoni fuq is-'server' thawdet u u x-xoghol ta' hafna snin li kien hemm mizmum fuq dan is-'server' proprjeta' tal-esponent ma setghetx tkun accessata minhabba li kien hemm 'data shift';

5. IlIi l-esponent kien gie infurmat bl-akkadut mill-istess kumpanija Kinetix IT Solutions Limited u sussegwentement, l-apparat ittiehed ghand kumpannija ta' 'data recovery' lokali, biss din ma kellhiex l-apparat necessarju sabiex tigi rkuprata d-data u ghalhekk, l-esponent ha d-decizjoni sabiex jibghat is-'server' 1-Ingilterra, fejn hemmhekk huwa rnexxielu jirkupra prattikament hamsa u disghin fil-mija (95%) tal-informazzjoni u data li kellu mizmuma fuq is-'server';

6. Illi dan ix-xoghol tal-irkupru tal-informazzjoni sewa eluf ta' ewro lill-esponent, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-gbir tal-provi, kif ukoll spejjez u danni li ghalihom ghandha tirrispondi biss is-socjeta Kinetix IT Solutions Limited.

Ghaldaqstant l-esponent, filwaqt li jgib s-suriferiti fatti a formaIi konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti: -

1. Tiddikjara li s-servizzi informatici pprestati mill-kumpannija rikonvenzjonata Kinetix IT Solutions Limited lill-Perit

rikonvenzjonant Frank Muscat ma kinux skont l-arti u s-sengha mistennija minnha;

2. Tiddikjara li b'rizultat tas-servizzi pprestati mill-kumpannija Kinetix IT Solutions Limited mhux skont l-arti u s-sengha, il-Perit rikonvenzjonant Frank Muscat sofra danni u spejjez inutilment;

3. Tillikwida, per consequenza, il-valur tad-danni sofferti mill-Perit rikonvenzjonant Frank Muscat kif fuq inghad;

4. Tikkundanna lill-kumpannija rikonvenzjonata Kinetix IT Solutions Limited sabiex thallas l-ammont hekk likwidat;

5. Tiddikjara, jekk ikun il-kaz, li l-ammont mitlub mill-istess kumpannija rikonvenzjonata fl-avviz promotur ghandu jigi hekk pacut mill-ammont hawn likwidat, dikjarat bhala dovut lill-Perit rikonvenzjonant Frank Muscat;

Bl-imghax u l-ispejjez legali kontra l-kumpannija rikonvenzjonata li hija minn issa inġunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata ghall-kontro-talba tal-konvenut:

"1. Illi l-esponenti tat is-servizz minnha mitluba mil-konvenut skond is-sengha u l-arti u l-istandards applikabbli fl-ghoti ta' servizzi simili u illi s-socjeta' attrici tat is-servizzi taghha bid-diligenza rikjesta mil-ligi.

2. Illi l-esponenti m'hijiex responsabbli ghal ebda danni illi l-konvenut qieghed jallega, li ma jirrizultax illi fit-fatt huwa sofra.

3. Illi ghalhekk it-talbiet kollha tal-konvenut ghadhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu."

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2019.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

**Ir-Rikors, ir-Risposta u l-Kontro-Talba fil-qosor**

**Is-soċjetà rikorrenti titlob** lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallasha s-somma ta' sitt elef, mitejn u ħmistax-il Ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu ( € 6, 215.42c) rappreżentanti bilanċ ta' prezz dovut minnu fuq il-fatturi numru 9533, 9651, 9733, 9759, 9862, 9863, 9864, 9865, 9869, 9986, 10069, 10226, 10268, 10279, 10450, 10485, 10547 u 10652 għall-prezz ta' apparat informatiku, liċenzji, abbonamenti u servizzi informatiċi provduti lilu fuq ordni tiegħu stess. Bl-imgħaxijiet mid-data tal-fatturi.

**L-intimat jeccepixxi** illi l-ammont rikjest mhux dovut fl-intier tiegħu stante li parti minnu ġie neċessitat b'riżultat tad-danni ikkawżati mill-kumpanija rikorrenti stess u illi b'riżultat tas-servizzi reżi mill-kumpanija rikorrenti mhux skont is-sengħa u l-arti, l-intimat sofra preġudizzju u danni fl-operat tiegħu, għal liema danni u spejjeż taħti u tirrispondi biss il-kumpanija rikorrenti. Konsegwentament ipprezenta kontro-talba.

**L-intimat rikonvenzjonat talab** ukoll dikjarazzjoni li b'riżultat tas-servizzi prestati mis-soċjetà attriċi huwa sofra danni u spejjeż; u jitlob likwidazzjoni tal-istess u kundanna għall-ħlas mis-soċjetà rikonvenzjonata ta' dawn id-danni hekk likwidati; u dikjarazzjoni li l-ammont mitlub fir-rikors promotur ikun paċut.

**Ir-rikorrenti rikonvenuta eccepiet** illi s-servizzi offruti mis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata kienu skond is-sengħa u l-arti u li hija tat is-servizzi tagħha bid-diliġenza rikjesta mil-liġi u illi hija mhux responsabbli għal ebda danni li l-intimat jallega li sofra.

**Il-Provi**

**Curt Gauci,** a folio 26 tal-process, xehed illi l-kumpanija rikorrenti toffri servizz ta' *provision* ta' *hardware* u *setting up* ta' infrastrutturi u *support* ta' sistemi. Is-soċjetà rikorrenti pprovdiet lill-intimat b'apparat kif ukoll tawh *support* tas-sistemi tiegħu tal-Informatika.

Qabel ma ġraw l-avvenimenti li waslu għal din il-kawża u ċioe' l-kwistjoni bis-server tal-intimat (kif jirriżulta minn dok CG2, a folio 35 tal-proċess), l-intimat dejjem kien iħallas għas-servizz ipprovdut mis-soċjetà rikorrenti. Wara l-ħsarat li seħħew fis-server tal-intimat, għall-ħabta tat-12 ta' Novembru 2014 fejn fallew żewġ diski tal-intimat, is-

soċjetà rikorrenti kienet irreferiet lill-intimat għand kumpanija lokali - OMG Ltd - li tispeċjalizza fid-*data recovery*. Sussegwentament għal din il-ħsara fis-server tal-intimat, is-soċjetà rikorrenti għamlet xogħol ieħor għall-intimat konsistenti f'*replacement* tas-*server, setting up* tas-sistema (*e-mail* tal-5 ta' Marzu 2015, dok CG 1, a folio 34 tal-proċess).

Xehed illi s-soċjetà rikorrenti infurmat u irrakmandat lill-intimat dwar il-*back up*s li huwa kien iżomm u li l-apparat issa sar wieħed antik u mhux adegwat għall-*back up* (*emails* dok CG 4 u CG 5 fejn l-intimat ingħata *quote* għall *server update,* a folio 37 u 38 tal-proċess) pero' l-intimat qatt ma implimenta dawn ir-rakkomadazzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti.

**Adrian Dalli**, a folio 46 tal-proċess, xehed illi wara li ġiet istitwita din il-kawża, is-soċjetà rikorrenti kompliet tagħti servizz lill-intimat. Spjega ukoll illi l-intimat kellu sistema fejn jekk tmurlu hard disk waħda, l-informazzjoni tmur fuq l-erba' hard disks l-oħra, pero' fil-każ tal-intimat, marrulu żewġ hard disks f'daqqa, b'hekk l-informazzjoni tal-intimat intilfitlu, peress li huwa ma kellux back up  Huma infurmaw lill-intimat illi huma ma kienux speċċjalizzati f'data recovery u b'hekk tawh l-isem ta' kumpanija f'Malta li tispeċjalizza fid-data recovery, u l-kuntatt ma' din il-kumpanija għamlu l-intimat direttament, mingħajr l-involviment tas-soċjetà rikorrenti.

Wara li waqaf is-'server' tal-intimat, is-soċjetà rikorrenti għamlet sistema ġdida, 'server' ġdid u installazzjoni ġdidda u servizzi anċillari li jiġu ma' installazzjoni ġdida.

Xehed illi l-hard disk marret bil-'wear and tear'. Dan kien server antik mingħajr back up, u li huma kienu ilhom jagħtu parir lill-intimat sabiex jagħmel 'upgrade' tas-sistema tiegħu.

**L-intimat,** a folio 53 tal-proċess, xehed bl-affidavit li s-soċjetà rikorrenti ħadet ħsieb is-sistema tal-informatika tal-uffiċċju tiegħu. Xehed illi s-sistema tal-'back-ups' waqfet taħdem. Qabel ma waqfet taħdem, is-soċjetà rikorrenti kienet ipproponietlu li wasal iż-żmien li jbiddilha, pero' huwa ma qabbilx mal-proposta tas-soċjetà rikorrenti għaliex skont huwa is-sistema l-ġdida kienet ser tkun tixbah lis-sistema l-antika. F'Novmbru 2014 is-sistema waqfet taħdem u huwa informa lis-soċjetà rikorrenti. Xehed illi meta s-'server' kien għand is-soċjetà rikorrenti, huma ma segwewx proċeduri stabbiliti internazzjonalment u konsegwenza tal-iżbalji li għamlet is-soċjetà rikorrenti, intilfet id-data. L-intimat ġabar is-'server' u ħadu għand kumpanija lokali tad-*data recovery*. Xehed illi din il-kumpanija OMG Ltd spjegawlu bl-iżbalji li għamlet is-soċjetà rikorrenti, u infurmawh ukoll illi li kellhom bżonn jibagħtu l-'hard disks' barra. Huwa ma aċċettax u bagħat il-'hard disks' barra huwa personalment. Ippreżenta ittra fejn tindika l-iżbalji li għamlet is-soċjetà rikorrenti meta ippruvat tagħmel id-'data recovery'. Xehed illi huwa weħel spejjeż ta' sittax-il elf, tmien mija, erbgħa u għoxrin ewro (€ 16,824.00) – Dok. E, a folio 98, biex jerġa jġib lura id-'data' li kellu fuq is-'server'.

**L-intimat,** a folio 143 tal-proċess, xehed in kontro eżami illi s-'server' ma kellux sistema ta' 'back-up'. Illi meta waqfet taħdem is-sistema f'Novembru tal-2014, is-soċjetà rikorrenti kienet għamlet sistema temporanja Huwa waqaf juża is-sistema temporanja ftit wara li ġiet istitwita l-kawża. Pero' għal dak is-servizz temporanju huwa għadu ma ħallasx. Is-soċjetà rikorrenti informatu li ma rnexxielhiex tirkupra d-'data' u huwa ħa s-'server' x'imkien ieħor.

**Punti Saljenti mit-Trattazzjoni orali ghan-nom tas-soċjetà rikorrenti**

Is-soċjetà rikorrenti ipprovdiet servizzi lill-intimat u dan baqa ma ħallasx għal tali servizzi reżi. L-intimat qatt ma nnega li huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti. L-apparat ipprovdut mis-soċjetà rikorrenti għadu fl-uffiċċju tal-intimat. Ir-rikorrenti tittratta illi l-intimat ma kellux 'back-up', u s-soċjetà rikorrenti kienet irrakmandatlu li kellu bżonn 'back-up'. Is-'server' kien antik. Kienet tatu ukoll 'quotes' biex din is-sitwazzjoni tiġi rranġata, pero' l-intimat ma aċċettax dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Tgħid li dan kien nuqqas da parti tal-intimat. Tgħid illi hija ma tispeċjalizzax fid-'data recovery' u kienet irrikmandat kumpanija oħra fejn kellu jmur l-intimat. Ittrattat illi r-rapport li hemm esebit mal-affidavit tal-intimat mhux ikkonfermat bil-ġurament u mhux l-aħjar prova li seta jġib l-intimat.

**Punti Saljenti mit-Trattazzjoni orali ghan-nom tal-intimat**

Is-soċjetà rikorrenti kienet tipprovdi servizz ta' informatika lill-intimat. F'Novembru 2014 waqaf is-'server' tal-intimat. Il-periti fl-uffiċċju tal-intimat ma setgħux ikomplu jaħdmu u kien hemm l-inkwiet li kienet ser tintilef id-'data'. L-intimat jallega li meta s-soċjetà rikorrenti ġiet biex issewwi l-ħsara, kien hemm nuqqas ta' ħila da parti tagħha. Illi meta saret il-ħsara fl-2014, is-soċjetà rikrorenti kienet ħadet is-'server' sabiex jagħmlu tiswijiet u jinstallaw xi sistema temporanja. Pero' l-ħsara ma ssewwietx anzi saret agħar. Illi is-sistema temporanja qiegħda fl-uffiċċju tal-intimat pero' huwa mhux qiegħed jużaha. Jispjega illli huwa ma ħallasx is-somma reklamata b'din il-kawża għaliex huwa kellu jinkorri ħafna aktar spejjeż sabiex jirkupru 95% tad-'data' mitlufa minn fuq is-'server'. Jgħid illi huwa mar għand il-kumpanija Ingliża għaliex hija kienet tispeċjalizza fl-irkupru tad-data. Jgħid illi s-soċjetà rikorrenti kienet negliġenti u ma mxietx bl-istandard tal-bonus pater familias

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**: -

1. Illi is-soċjetà rikorrenti tqabbdet tippresta servizzi lill-intimat minnu stess. Dwar l-obbligi tal-appaltatur, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-**<u>Prim Awla tas-26 ta' Jannar, 2018, Rikors Maħluf Numru 409/17 Nadia Merten et vs. Unique Turnkey Limited (C 37841) qabel Unique Construction and Developers Limited</u>**, fejn ġie ritenut hekk *Filwaqt li l-liġi tagħna ftit li xejn titkellem dwar l-obbligi tal-appaltatur, ġie però stabbilit fid-duttrina u fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna illi "Le obbligazioni dell'appaltatore in ordine alla esecuzione del contratto di appalto altre sono principali o accessorie. Incominciando dalle prime diremo che le medesime riflettono l'obbligo in lui di eseguire le opera conformemente alla speciale convenzione stipulata, od, in difetto di preciza indicazione di questa, in modo approvabile, di garantire la solidità delle opere, di eseguire nel tempo pattuito o in quello congruo da fissarsi, di eseguire coi materiali prescritti, nella quantità prescritta, nel luogo e colla forma indicati. "Le obbligazioni accessorie riflettono l'obbligo di sopportare talune spese e prestazioni accessorie, di rispondere dei propri operai, di rispondere verso i terzi dannegiati nella esecuzione, di rispondere infine perl'inosservanza dei regolamenti e delle leggi speciali, di fare e prestarsi a fare tutto ciò che assicuri la migliore esecuzione delle opere, di subire in taluni casi le clausole penali, le ritenute, la esecuzione di ufficio, specialmente in tema di lavori pubblici."*

   *"l-appaltatur hu obbligat jesegwixxi l-opra miftehma skont is-sengħa, u meta hu jissoministra anke l-materjal, dan għandu jirrispondi għallkonsegwenzi kollha skont il-liġi."*

   *"Jekk, ciononostante, l-appaltatur jeżegwixxi ħazin ix-xogħol li jifforma l-oġġett tal-appalt huwa responsabbli għad*-dannu kollu

*li jiġi minn dik l'eżekuzzjoni ħazina (***George Cutajar vs. Edward Vincenti Kind proprio et nomine, Qorti tal-Kummerc,** *15 ta' Mejju, 1953). F'qagħda bħal din lanqas ma hu meħlus mir-responsabilità avolja jkun sar il-ħlas tal-appalt.*

*Dan għaliex il-verifika u l-approvazzjoni tax-xogħol issir għal finijiet tal-ħlas lill-appaltatur, iżda b'daqshekk dan mhux eżonerat jekk 'il quddiem jiġu riskontrati difetti u mankanzi dovuti għal xogħol ħażin; Dan premess, huwa sew magħruf illi fejn kommittent iħossu insodisfatt bix-xogħlijiet eżegwiti, huma diversi x-xelti ġudizzjali li l-liġi takkordalu ghat-tutela tad-drittijiet tiegħu. Ad eżempju, ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt ta' ftehim jew l-eliminazzjoni tad-difetti jew ukoll ta' dawn flimkien purke subordinata waħda għall-oħra. In aġġunta għal dawn, jew anke mingħajrhom, ir-rimedju tar-riżarċiment tad-danni. Tali jinkwadra ruħu fl-ambitu ta' dik ir-responsabilità kontrattwali minħabba inadempiment konkretizzata f'difettti fix-xogħol. Dan hu sew indott mill-Artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili li "jistabilixxi l-prinċipji ġenerali applikabbli għal kull xorta ta' obbligazzjonijiet, u jagħti azzjoni għad-danni kontra min jonqos u jikser l-obbligazzjonijiet li jkun refa' fuq spallejh" (Raffaele Mallia vs. Francesco Portanier et, Appell Ċivili, 27 ta' April, 1936). Ma jistax ma jissemmiex ukoll illi l-kommittenti għandu, għal każ fejn id-difetti ma jkunux sostanzjali, id-dritt ta' azzjoni biex jobbliga lill-appaltatur li jirripara d-difetti jew jaċċetta riduzzjoni fil-prezz. Ara Angelo Busuttil vs. Pio Fedele et, Prim' Awla, Qorti Ċivili, 9 ta'April, 1968 u John Bonnici proprio et nomine vs. Anthony Sammut, Appell Kummerċjali, 22 ta' Gunju, 1994;*

2. Dawn ta' hawn fuq kienu l-obbligi tas-soċjetà rikorrenti, qua appaltatur, versu l-intimat.

3. Fil-kawża odjerna, is-soċjetà rikorrenti tgħid illi l-intimat ma kellux 'back-up' tad-'data', u li hija kienet irrakmandatlu li huwa kellu bżonn dan il-'back up'. Da parti tiegħu, l-intimat jgħid li s-soċjetà rikorrenti ma aġġixxietx skont is-sengħa u l-arti meta waqaf is-'server' u intilfet id-data kollha.

4. **Curt Gauci**, a folio 31 tal-process, xehed *kellna verji meetings mas-Sur Muscat, kemm mil-lat ta' meta jmorru n-nies tekniċi fuq il-post kif ukoll mil-lat ta' meta jmorru nies tas-sales fuq il-post fejn irrakomandajnilu li l-apparat tiegħu huwa antik u li għandu bżonn jinbidel għax għadda l-lifetime tiegħu u jkun hemmhekk qed jistieden li jinħolqu ċertu problemi ta' wear and tear kif ukoll irrakomandajnilu li isma s-sistema ta' backup li qed tuża bħalissa m'għadhiex biżejjed għat-tip ta' xogħol li qed tagħmel u hemm bżonn tiġi mibdula, upgraded b'sistema li tista tiffittja aħjar l-affarijiet li għandu bħalissa. Apparti l-meetings bagtnilu ukoll korrispondenza fejn għamilna summary li konna qegħdin ngħidulu fuqu u tajnieh ukoll costs tal-affarijiet li hemm involuti biex jinbidlu, hawn instances ta' korrispondenza immarkati dok CG 4 u CG 5.*

5. **Adrian Dalli**, a folio 48 tal-process, xehed *nixtieq ngħid illi is-server kien antik ħafna kienet spiċċatlu ukoll il-garanzija, ma kellux back up u aħna konna ilna navżawh bl-istat tas-sistema li kien qiegħed juża ….ma kellux fuq x'xhiex jaħdem f'każ illi tiġrilu xi ħsara u dan għaliex ukoll ma kellux back up.* Huma irrakmandaw illi jirranġa din is-sitwazzjoni (a folio 36 u a folio 39 huma stejjem dwar dan)

6. **L-intimat stess**, a folio 54 tal-process, xehed *nikkonferma li Kinetix kienet ġibdet l-attenzjoni tiegħi li is-server kien qed jasal iż-żmien biex nibdew naħsbu ħalli nibdluh. Tant hu hekk li jiena tlabt lil Kientix biex jibgħatuli proposta għal server u sistema ta' back up ġdida. Fil-21 ta' Mejju 2014 jien irċevejt il-proposta mingħand Kinetix li qed tiġi esebita bħala Dokument B.* Imbagħad l-intimat reġa' xehed hekk, a folio 149 tal-process *le backup tas-server ma kellix…forsi kienet ukoll negliġenza. Inti tara li qed jaħdem bl-affarijiet u ma taħsibx x'jista jiġri fil-futur. Kif qed ngħidlek ma kontx intiż ... allura kien hemm shift kompletament li ma tkun qed tantiċipa kemm hu importanti backup u dawk l-affarijiet*

7. Din il-Qorti tirreferi hawnhekk għas-sentenza ta**l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tad-9 ta' Mejju, 2007 Appell Civili Numru. 22/2006 Falcotrans Limited vs The Cargo Handling Company Limited u Salvu Meli & Sons Ltd** fejn ġie ritenut hekk *Tenut rigward tad-disposizzjonijiet relevanti taht il-Kodici Civili, ex-Artikoli 1031 u 1032, jezisti indubbjament legam mal-koncett ta' kolpa. Din il-kolpa hi generata minn nuqqas ta' prudenza, tad-diligenza u tal-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ossija minn imgieba koxjenti f' min jipprokura d-dannu li, anke jekk nieqsa minn volonta` li jigi arrekat dannu, hu qed jikkaguna event leziv lil haddiehor. Kif gja osservat, b'mod partikulari l-gurisprudenza taghnataghmel riferiment specifiku ghar-rekwizit tal-prevedibilita` ta' l-event dannuz bhala komponenti essenzjali tal-kolpa. Il-gudizzju ta' din l-prevedibilita` fil-konkret hu imbaghad effettwat skond il-kriterji ta' dik id-diligenza ta' attenzjoni tal-bonus paterfamilias li jippreciza l-Artikolu 1032.*

8. Skont **l-Artikolu 1031 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:** *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu".* L-**Artikolu 1032** (1) ikompli: *"Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja".*

9. Din il-Qorti hija tal-umli fehma illi l-imgieba omissiva tal-intimat li jieħu mizuri idoneji ta' kawtela u ta' prudenza - f'dan il-każ li jkollu l-'backups' tas-'server', meta huwa speċifikament ingħata din l-istruzzjoni mis-soċjetà rikorrenti, tammonta għall-imprudenza u n-nuqqas ta' diligenza da parti tiegħu, u li jsemmi l-Artikolu 1032.

10. Illi jingħad oltre illi ma jirriżulta ebda nuqqas da parti tas-soċjetà rikorrenti milli taġixxi skond is-sengħa u l-arti. Illi n-nuqqas lampanti li jirriżulta huwa fil-fatt tal-intimat illi kif intqal ma eżerċitax il-buon sens li jżomm 'backups' tad-data fuq is-server tiegħu. Illi inoltre jingħad illi mhux ikkontestat illi l-apparat kellu ż-żmien, u li b'hekk jingħad illi huwa bil-wisq probabli illi l-apparat falla kawża ta' wear and tear li ġie biż-żmien tal-apparat.

11. Illi l-intimat jallega nuqqas tas-soċjetà rikorrent meta din ġiet sabiex tagħmel 'retrieval' tad-data. Jibda sabiex jingħad illi fuq ammissjoni tas-soċjetà rikorrenti stess, dak ma kienx xogħolha. In oltre, l-intimat ma ġabx l-aħjar prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni tiegħu. Huwa ippreżenta Dok. D, a folio 97 tal-process - *After the raid had failed at the beginning of November, was the correct procedure adopted to rebuild the raid? It is difficult to answer this as from a recovery perspective only the content of the disks are analysed and this, but as a recovery was*

*achieved following identification of the relevant RAID parameters the content on 4 of the 5 disks is valid, however content on the 5th member seemed invalid and content was stale - From this it seems rebuild was attempted with a previously failed disk still included which would result in huge inconsistencies across the data as a whole. Fortunately, this was limited to a single member only allowing for extraction of the data from the array when reconstructed as a degraded array with this member omitted.*

*Could the data shift which resulted during the attempted rebuilding have been avoided? It is very likely that this happened as a result of including a previously failed member in the rebuild. When a member fails in a RAID5 the array will continue to operate in its absence in a degraded mode. All changes and updates to data at this time is not reflected in the absent disk though attempts to then use information from this absent disk, such as in a rebuild attempt, will result in corruption to the data. When initiating a rebuild it is important that any failed members are replaced prior to the attempted rebuild.*

Imbagħad l-intimat, a folio 152 tal-process, xehed hekk *biex niġi għad-domanda, kif naf li ma użawx il-proċedura għax dawn meta fetħu l-hard disk u tlabthom ukoll diagnosis u qiegħed ukoll anness ir-rapport ta' diagnosis ta' ditta barranija i huma speċjalizzati biex jirkupraw l-informazzjoni minn servers hemm record ta' x'ġara. U jgħidlek ukoll it is very technical terms meta ipprovaw jerġgħu jistartjaw meta kien il-workshop tagħhom ipprovaw jistartjaw b'wieħed mill-ħard disk li hija falluta. U dik ma għandek qatt tagħmilha f'sitwazzjonijiet bħal dawn.*

12. Pero’ jingħad illi l-intimat ma ressaqx prova konvinċenti biżżejjed fir-rigward. Dan mhux xi rapport ikkonfermat b’xi ġurament, u lanqas ma ittella’ bħala xhud min kiteb dan ir-rapport. In oltre jibqa’ l-fatt illi ir-‘retrieval’ ġiet neċessitata minħabba in-nuqqas tal-intimat li jżomm il-‘back up’ neċessarji, li kieku dawn il-‘backups’ kienu jeżistu, ir-‘retrieval’ kien ikun jista’ jsir mill-backups, mingħajr ma jkun hemm il-bżonn tal-irkupru tal-informazzjoni mis-servers. B’hekk id-dannu li minnu jilmenta l-intimat li rriżulta mill-irkupru tal-informazzjoni mis-servers kien konsegwenza tal-aġir negliġenti tal-intimat stess.

13. Konsegwentament l-ewwel u t-tieni eccezzjoni mressqa mill-intimat Frank Muscat għandhom jiġu miċħuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ sitt elef, mitejn u hmistax-il Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€6,215.42), bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-fatturi sad-data tal-effettiv pagament u tichad il-kontro talba tal-intimat, bl-ispejjez tal-prezenti procedura u tal-ittra ufficcjali tal-10 ta’ Gunju 2015 kontra l-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur